# Ir-Re George VI fil-Pjazza taż-Żejtun

*Joe Mercieca*



Ftit tax-xhur ilu, wieħed ħabib tiegħi, Żejtuni bħali, li issa ilu jgħix l-Awstralja għal aktar minn sittin sena, bagħatli *video* dwar il-miġja tar-Re George VI f'Malta fis-sena 1943, qabel ma kienet spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija. Xħin bdejt nara dan il-*video*, innotajt li ma kien hemm xejn speċjali għax ħafna mix-xeni kemm-il darba kont rajthom f'ritratti waqt xi wirja nazzjonali jew f'xi kotba dwar il-gwerra. Bqajt nara dan il-*video* u f'daqqa waħda rajt is-salib tal-pjazza taż-Żejtun. Ma ridtx nemmen u allura dawwart b'lura l-*video* għal darba darbtejn biex inkun ċert minn dak li kont qed nara. B'kollox kienu tliet sekondi mill-*video* kollu. Kont ċert li l-karozza tar-Re George kienet għaddejja minn ħdejn is-Salib tal-Pjazza għal quddiem il-knisja parrokkjali. Meta kont ċert minn dak li kont rajt, bdejt nistaqsi lili nnifsi: imma kif qatt qabel ma kont smajt b'din il-miġja qasira tar-Re George VI f'raħal twelidi? Għalhekk iddeċidejt li nfittex dwarha u nikteb fuqha biex infakkarha.

### Il-Ħadd 20 ta' Ġunju 1943



F'dan il-jum il-Knisja kienet qed tiċċelebra l-festa tat-Trinità Mqaddsa. Minn filgħodu kmieni qabel is-sitta, ir-Rediffusion beda jħabbar li l-Maestà Tiegħu r-Re George VI se jidħol fil-Port il-Kbir fuq il-*cruiser* HMS Aurora,biex iżur il-gżira ta' Malta għal ftit sigħat. Ir-Re kien ġej minn mawra ta' ftit ġranet fl-Afrika ta' Fuq, fejn mar jiltaqa' mat-truppi tas-suldati u mal-forzi tal-ajru Ingliżi wara li kienu rebħu t-truppi tal-għadu kemm Ġermaniżi kif ukoll dawk Taljani. L-aħħar waqfa tar-Re qabel ma ġie Malta kienet ġewwa t-Tuneżija. Għalkemm l-aħbar tal-wasla tar-Re George xxandret fil-5 ta' filgħodu, ma jistax jonqos li kemm l-awtoritajiet Ingliżi f'Malta, kif ukoll xi Maltin midħla tal-Gvernatur Ġenerali u Commander-in-Chief Lord Gort, kienu ilhom juru x-xewqa tagħhom biex ir-Re George jżur Malta, aktar u aktar issa wara l-għotja tal-George Cross lil Malta f'April tas-sena ta' qabel.

L-aħbar xterdet bħal leħħa ta' berqa u n-nies bdew jinġemgħu fuq is-swar u fit-toroq tal-belt Valletta u f'dawk l-irħula minn fejn kellu jgħaddi r-Re George. Appena l-*cruiser* HMS Aurora skurtat minn erba' *destroyers* daħal fil-Port il-Kbir, ir-Re George deher liebes uniformi bajda fuq il-poppa jxejjer lin-nies filwaqt li l-poplu nfexx f'ċapċip u għajjat kbir. Dan iċ-ċapċip żdied b'qawwa li ttarrax xħin ir-Re rifes l-art u beda tiela' t-turġien tad-Dwana. Quddiem id-Dwana saret Gwardja ta' Unur mis-suldati tal-RMA. Hemm fejn id-Dwana kienu jistennew lir-Re George l-ogħla awtoritajiet kemm tas-servizzi Ingliżi kif ukoll l-awtoritajiet Maltin ċivili u reliġjużi. Dak il-ħin minn fuq Sant'Anġlu bdiet iddoqq il-qanpiena biex tagħti s-sinjal biex il-qniepen tal-knejjes jibdew idoqqu mota ta' ferħ. Dakinhar f'ħafna mill-parroċċi ta' Malta f'jum il-festa tat-Trinità kienet qed issir il-quddiesa għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.

### Ir-Re George VI fil-Belt Valletta

Ir-Re George mid-Dwana daħal f'karozza miftuħa u daħal il-Belt Valletta flimkien mal-Gvernatur Lord Gort. Sakemm wasal il-Palazz il-poplu Malti wera l-ferħ u l-entużjażmu tiegħu b'ċapċip u b'tixjir ta' bnadar. Quddiem il-Palazz kien hemm folla kbira tistennieh. Xħin ir-Re George ħareġ isellem lill-folla mill-gallerija tal-Palazz din l-istess folla nfexxet f'delirju ta' ferħ u għajjat ta' "Viva r-Re, Viva r-Re" u "God save the King". Xi korrispondenti ta' ġurnali barranin, li kienu ġew mistiedna biex jakkompanjaw u jirrapportaw dawn il-ġrajjiet tar-Re qalu hekk "Il-Maestà Tiegħu baqa' impressjonat minn dik ix-xena grandjuża li fakkritu fix-xena li saritlu f'pajjiżu ġewwa l-Ingilterra fi żmien l-Inkoronazzjoni Tiegħu". Waqt li r-Re kien fil-palazz, il-Gvernatur ħadu fis-Sala ta' San Mikiel u San Ġorġ fejn kien merfugħ il- "George Cross", li l-Maestà Tiegħu nnifsu kien ta lill-poplu Malti s-sena ta' qabel fil-15 ta' April 1942.

### Ir-Re George VI fil-Kottonera

Wara li ħareġ mill-Palazz, ir-Re George għadda

mill-inħawi tax-xatt tal-Marsa u baqa' sejjer lejn it-Tarzna Navali ta' Malta f'Bormla, fejn għamel żjara ġewwa l-mini kbar fil-blat, li f'dak iż-żmien tal-gwerra kienu jservu ta' ħwienet tax-xogħol.

Hawnhekk il-ħaddiema preżenti għamlulu demostrazzjoni spontanja u r-Re George rringrazzja lil kulħadd mhux biss għal din il-merħba iżda fuq kollox ukoll għall-ħidma kuraġġjuża u għall-ħila kbira fit-tiswija fuq il-bastimenti tal-gwerra. Hekk kif ir-Re kien fil-Kottonera, min kien qed imexxi r-Re George f'din iż-żjara qasira ta' ftit sigħat, ried jurih id-diżastru u l-ħerba li ħalliet il-gwerra f'dawn l-ibliet li fuqhom twaddbu eluf ta' tunellati ta' bombi. Mit-Tarzna r-Re baqa' sejjer bil-mixi lejn l-Isla, fejn il-Gvernatur ippreżentalu lill-Arċipriet Dun Manuel Brincat u t-tlieta li huma mxew flimkien qalb it-tifrik li ħallew warajhom il-bombi tal-għadu. Dan l-Arċipriet tul il-gwerra kollha baqa' jaqdi dmiru bi qlubija kbira man-nies li kien għad fadal ġewwa l-Isla. Ftit xhur wara din iż-żjara tar-Re, dan is-saċerdot ir-Re George onorah bit-titlu ta' O.B.E. (Order of the British Empire). Wara li spiċċa mill-Isla hu ġie nominat bħala Arċipriet ta' din il-parroċċa taż-Żejtun fejn dam f'din il-kariga għal seba' snin (1947- 1954).

### Ir-Re George VI lejn il-Palazz Verdala fil-Buskett

Wara li telaq mill-Kottonera l-karozza tar-Re u l-karozzi tal-kbarat li kienu warajh, għaddew mill-Marsa fejn dakinhar kienu qegħdin jiċċelebraw il-festa tat-Trinità. Daħlu l-Ħamrun għal Birkirkara, imbagħad niżlu lejn l-Imsida, il-Gżira, Tas-Sliema u mit-triq tal-Balal daħlu n-Naxxar għall-Mosta u fl-aħħar marru l-Imtarfa fejn ir-Re mar iżur dawk li kienu rekoverati f'dak l-Isptar tal-Militar. Fl-aħħar għaddew mir-Rabat u baqgħu sejrin lejn il-Palazz Verdala, fejn il-Gvernatur Lord Gort ipprepara pranzu li għalih kienu mistiedna fost il-kbarat ċivili u militari u navali, l-Arċisqof ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Rev. Mauro Caruana u l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi.

### Ir-Re George VI jkompli bid-dawra tiegħu fin-nofsinhar ta' Malta

Wara l-pranzu, għal xi l-4.30 ta' waranofsinhar, ir-Re George VI ħalla l-Buskett biex ikompli jżur aktar irħula Maltin. Minn kull fejn għadda r-Re saritlu demostrazzjoni ta' ferħ. In-nies matul it-toroq kienu jċapċpu u jxejru l-bnadar waqt li oħrajn żejnu l-galleriji tagħhom bi bnadar Ingliżi u bir-ritratti tar-Re jew tal-Familja Rjali.

F'ċerti rħula wkoll ħarġet iddoqq il-banda tar-raħal biex tqajjem iżjed ferħ u allegrija.

Mir-Rabat ir-Re niżel lejn Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u Ħal Luqa. F'Ħal Luqa mar jiltaqa' mal-Kmandant tal-Ajru u n-nies tal-R.A.F. (Royal Air Force) kif ukoll mar jara l-ajruplani u x-xogħol li kien qed isir ġewwa l-ajruport. Hawnhekk ir-Re qassam xi onorefiċenzi għall-qlubija lil bosta personalitajiet tal-R.A.F. Minn Ħal Luqa r-Re għadda biex iżur l-ajruport ta' Ħal Far u wara baqa' sejjer lejn Kalafrana, Birżebbuġa u meta wasal Bir id-Deheb daħal ġewwa r-raħal taż-Żejtun.



*Ir-Re Ġorġ fil-pjazza taż-Żejtun. Jidher is-salib tal-Pjazza fuq wara tal-karozza tar-Re*

X'qalu l-gazzetti dwar il-merħba tar-Re George VI fiż-Żejtun

### The Times of Malta, Tuesday 22nd June 1943

"...the scenes of cheering with their hurrahs of other villages were repeated and so to the big village of Zejtun. Here a guard of Honour of Boy Scouts lined the curb, and there were orphans from village institutes and the two bands with their rich banners and flags: but above all here as everywhere was the intensity of feeling expressed in the enthusiastic cheering of the villagers."

### Il-Berqa, It-Tlieta 22 ta' Ġunju 1943

"Imbagħad il-karozza rjali għaddiet minn Birżebbuġa .......u baqgħet sejra għar-raħal taż-Żejtun. Hawnhekk il-Guard of Honour kien magħmul minn Boy Scouts. Ħadu sehem ukoll l-orfni tal-istituti tar-raħal u ż-żewġ baned bil-bandieri u l-istandardi sbieħ tagħhom inġabru biex jagħtu l-merħba lir-Re. Iżda hawnhekk ukoll bħal kull naħa tal-Gżira, l-isbaħ ħaġa kien iċ-ċapċip kbir tan-nies tar-raħal."

**Il-Leħen is-Sewwa,**
**Is-Sibt 26 ta' Ġunju 1943.**

"...baqa' sejjer iż-Żejtun fejn ir-Re kellu laqgħa oħra sabiħa min-nies kollha ta' dan ir-raħal kbir. It-toroq fiż-Żejtun li minnhom għadda r-Re George kienu: Bir-id-Deheb, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq San Pawl, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, il-Pjazza l-Kbira, Triq Santa Katarina u minn hemm lejn Ħal Tarxien, Raħal Ġdid, il-Marsa u fl-aħħar il-Furjana sa quddiem il-Monument tal-Gwerra, fejn spiċċat iż-żjara qasira ta' għaxar sigħat li r-Re George VI għamel f'Malta dakinhar tal-20 ta' Ġunju 1943."

Fil-messaġġ tiegħu wara li ntemmet din iż-żjara r-Re George qal hekk:

"L-entużjażmu li bih ġejt milqugħ illum missli qalbi aktar milli nista' nfisser bil-kliem. Għalija din kienet prova oħra tal-lealtà li ġiegħlet lil din il-Gżira Fortizza ġġarrab l-eħrex daqqiet li l-għadu kiefer seta' jagħtiha. Minn qiegħ qalbi nirringrazzja lill-poplu ta' Malta u nibgħat ix-xewqat tiegħi għal żminijiet aħjar li mingħajr l-ebda dubju jinsabu quddiemna."

**Bijografija qasira dwar ir-Re George VI**

Kien it-tieni wild tar-Re George V. Kien jismu Albert, Frederick, Arthur, George u twieled fl-14 ta' Diċembru 1895. Sar Re u ħa l-isem ta' George VI fil-11 ta' Novembru 1936, wara li ħuh il-kbir Edward abdika mit-tron biex jiżżewweġ lil Wallis Simpson. Huwa kellu żewġ ulied - Elizabeth (Eliżabetta, ir-reġina preżenti tal-Ingilterra) u oħtha Margaret. Huwa miet fis-6 ta' Frar 1952.

Matul ħajtu dan ir-Re George VI ġie Malta tliet darbiet :

1. qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija, bħala l-Prinċep Albert meta kien għadu fizzjal fin-Navy Ingliża.
2. fis-17 ta' Ġunju 1927 flimkien ma' martu Eliżabetta bħala d-Duka u d-Dukessa ta' York meta kien ġej lura mill-Awstralja bħala Ambaxxatur tal-Ingilterra u l-Commonwealth. Waqt din iż-żjara huwa poġġa l-ewwel ġebla tat-triq il-ġdida li kienet se tinfetaħ minn ħdejn il-Monument tal-Gwerra fil-Furjana sa quddiem il-Berġa ta' Kastilja. Din it-triq meta tlestiet ġiet imsemmija għalih, imma llum hija msemmija għal Girolomo Cassar.
3. fl-20 ta' Ġunju 1943 bħala r-Re George VI, li fuq din iż-żjara tkellimna fit-tul aktar 'il fuq.

T O N I ' S
wines & spirits

**Toni Grixti**
Managing Director

Triq il-Qaliet, M'scala ZBR 10 Malta

Tel/Fax: +356 2163 2652
Mob: +356 9942 3868
Email: hawker@maltanet.net